**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 25 ta` Ottubru 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**CLIVE MANGION**

**Kump.Nru. 400/2013**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Clive Mangion** detentur tal-karta tal-identita numru 132382(M), gie akkuzat talli fis-16 ta' Mejju 2012, ghall-habta tal-11:00am gewwa Triq Tarxien, k/m Triq is-Sorijiet, Tarxien waqt li kont qed issuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBF 861:

1. Soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza.

2. B'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt griehi ta' natura gravi fuq Domitilla Mallia skond kif iccertifika Dr. Rene Camilleri M.D.

Il-Prosekuzzjoni titlob lill-Qorti li int tigi skwalifikat mill-licenzji kolha tieghek tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-10 ta` Jannar 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara *a folio* 31);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet trattazzjoni;

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti. Nhar is-26 ta` Mejju 2012, ghall-habta tal-11.00am, l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta` registrazzjoni JBF 861 gewwa Tarxien Road, Tarxien u gie biex idur ghal go Triq is-Sorijiet. Malli effettivament dar u dahal go Triq is-Sorijiet, intlaqtet Domitilla Mallia u dina sofriet griehi ta` natura gravi.

Dwar il-natura tal-griehi li sofriet Domitilla Mallia, li gew ikklassifikati bhala gravi, ma hemmx kontestazzjoni. Dawn jirrizultaw ampjament mic-certifikat mediku a folio 10 u mill-affidavit tat-tabib Rene Camilleri a folio 13, fost ohrajn.

Gew ezaminati bir-reqqa d-depozizzjonijiet taz-zewg xhieda protagonist f'dan il-procediment – dik ta` Domitilla Mallia bhala l-allegata vittma u dik ta` Peter Agius, xhud important ghax huwa xhud okulari ta` l-incident. Minn dak li xehedu dawn iz-zewg xhieda, din il-Qorti tista tiddeduci illi Domitilla Mallia kienet qed taqsam fi Triq is-Sorijiet, biswit il-kantuniera ma Triq Tarxien fejn hemm l-ispizerija 'Tarxien Dispensary' propju ghaliex l-imsemmija Domitilla Mallia riedet tispicca hdejn l-ispizerija msemmija. Dawn id-depozizzjonijiet inqraw fid-dawl tal-provi dokumentarji esebiti, fosthom ir-ritratti a folio 46, u l-pjanti li jinsabu a folios 43, 44 u 45. Dawn id-dokumenti jghinu hafna lill-Qorti fl-apprezzament taghha tal-lok fejn sehh l-incident.

Ix-xhud Peter Agius (ara folio 40 et seq) jixhed senjatament is-segwenti :

| | |
|---|---|
| *Mag:* | *F' liema kantuniera, bejn liema toroq?* |
| *PA:* | *Tarxien Road ma Triq is-Sorijiet.* |
| *Mag:* | *Fejn sehh l-incident* |
| *PA:* | *iva ezatt* |
| *Mag:* | *qed tigi muri sketch li jinsab a fol* |
| *Dr. Zammit McKeon:* | *ha nurik zewg ritratti CM3 u CM4 naqblu li fil-mument tal-impatt il-vettura tal-imputat kienet qed iddur kienet angolata lejn ix-xellug?* |
| *PA:* | *iva naqblu* |
| *Dr. Zammit McKeon:* | *jigifieri taqbel mieghi li meta sehh l-incident il-vettura kienet ghadha ma dahhlitx fi Triq is-Sorijiet imma kienet ghadha diehla* |
| *PA:* | *ghadha diehla fil-bidu* |
| *Dr. Zammit McKeon:* | *l-incident gara nista nghid vicin hafna tal-kantuniera ta Tarxien Road ma Triq is-Sorijiet* |
| *PA:* | *ezatt* |
| *Dr. Zammit McKeon:* | *int semmejt li s-sinjura qasmet minn naha tax-xellug ghall-lemin* |
| *PA:* | *no. Minn naha tax-xellug ghall-lemin.* |

*…………….*

| | |
|---|---|
| *Dr. Zammit McKeon:* | *int rajt l-incident isir?* |
| *PA:* | *ezatt* |
| *Dr. Zammit McKeon:* | *x' rajtha taghmel is-sinura?* |
| *PA:* | *rajtha bil-basket f'idejha ha taqsam u nghid li dar-ragel qed idur u ma ndunax li qed taqsam* |
| *Dr. Zammit McKeon:* | *ha naghtik zewg xenarji. Int din is-sinjura rajtha timxi fuq il-bankina, tieqaf, thares imbaghad qasmet it-triq jew int rajtha taqsam?* |
| *PA:* | *rajtha miexja fuq il-bankina, dahlet naqra fit-triq biex ma taqsamx mill-kantuniera.* |

*Dr. Zammit McKeon:* *naqra fit-triq fejn?*

*PA:* *Triq is-Sorijiet imbaghad itawlet ftit u qasmet*

*Dr. Zammit McKeon:* *ittawlet ftit fejn?*

*PA:* *minn fejn gejjin il-karozzi*

*Dr. Zammit McKeon:* *minn liema direzzjoni?*

*PA:* *harset lejn ix-xellug*

*Dr. Zammit McKeon:* *hi keinet gejja minn Tarxien Road?*

*PA:* *no minn Triq Santa Marija.*

*Dr. Zammit McKeon:* *li tigi fejn?*

*PA:* *li tkompli ma Tarxien Road. Tarxien Road tieqaf f' dil-kantuniera ezatt*

*Dr. Zammit McKeon:* *triq dritta*

*PA:* *imbaghad tispicca fi Triq Santa Marija*

*Dr. Zammit McKeon:* *jigifieri din kienet gejja minn triq arterjali?*

*PA:* *ezatt*

*Dr. Zammit McKeon:* *naqblu li l-vettura li kienet misjuqa mill-imputat kienet b'velocita baxxa hafna?*

*PA:* *naqbel mija fil mija***.**

**Ikkunsidrat**;

Illi minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali, fosthom izda mhux biss, il-fatt li t-toroq imsemmija jigu kwazi "at 90 degrees" ma xulxin u l-fatt li Domitilla Mallia qasmet qrib hafna l-kantuniera bejn dawn iz-zewg toroq, u l-fatt li zgur ma kienx hemm sewqan b'velocita` u lanqas l-icken prova ta` sewqan perikoluz, din il-Qorti tasal ghall-fehema illi effettivament kienet l-imsemmija Domitilla Mallia, li bil-fatt li qasmet minn fejn qasmet b'mod azzardat, ikkawzat moment ta` emergenza lis-sewwieq/l-imputat, meta huwa sabha ma wiccu meta dahal go Triq is-Sorijiet. In oltre, ir-rizultanzi processwali ma jikkostitwixxu ebda wahda mill-ipotezijiet ikkontemplati fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Decide**;

**GHALL-MOTIVI PREMESSI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL CLIVE MANGION MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET DEDOTTI KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur